**FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR.C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tal-13 ta' Frar, 2002.**

**Citazz. Nru: 1523/96FS**

Joseph Vella
vs
Ludgarda Formosa bhala eredi ta' Grazzja Vella

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni attrici li biha premettiet:

Peress illi bejn l-attur u Grazia Vella, l-awtrici tal-konvenuta li taghha hija unika eredi, kien hemm sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li ordnat id-divizjoni tal-assi tal-mejjet Antonio Vella, liema sentenza nghatat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ April, 1975.

Peress illi ma setax isir il-kuntratt u ghalhekk l-istess sentenza giet renovata, skond il-ligi, u dan b' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Frar, 1993.

Peress illi meta n-Nutar Dr. Raphael Darmanin gie biex jirredigi l-kuntratt ta' divizjoni, kien apparenti li ma setghetx tinghata esekuzzjoni ghas-sentenza minhabba diversi fatturi, fosthom li depositi li suppost gew mghoddija lill-attur, fil-fatt kien inqasmu pendente lite, u ghalhekk ma setax isir dak li kien hemm ordnat.

Peress illi kien hemm diffikultajiet ohra ta' natura legali u teknika, u minkejja diversi interpellazzjoni biex il-konvenuta tersaq ghall-kuntratt u dan bil-modifiki mehtiega halli d-divizjoni tkun gusta u ekwa u tirrispekkja dak li kien deciz mill-Qorti, hija baqghet inadempjenti.

Talab lil din il-Qorti:

1) Prevja l-konstatazzjoni tal-fatti diversi llum minn kif decizi bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' April, 1975, u l-ohra sussegwenti tas-26 ta' Frar, 1993, u wara l-ordni ghall-opportuni korrezzjonijiet konsegwenzjali, tikkundanna lill-konvenuta li taddivjeni ghall-kuntratt ta' divizjoni kif ordnat bl-istess sentenza msemmija, li ghandha taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet li jirrizultaw kontra l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

**ECCEZZONIJIET:**

Illi l-konvenuta baqghet kontumaci u talbet xorta wahda li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet wara gustifikazzjoni tal-kontumacja. Rat id-digriet tat-18 ta' Frar 2000 li permezz tieghu awtorizzat lill-konvenuta tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet sat-13 ta' Marzu 2000. Illi xorta wahda l-konvenuta naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk waqghet kontumaci. Illi kif jirrizulta a fol 58 tal-process fl-10 ta' Ottubru 2001 il-Qorti tat l-opportunita` lill-konsulent legali tal-konvenuta biex tipprezenta nota. Izda xorta wahda din ma gietx prezentata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidrat

Illi l-attur ipprezenta affidavit fejn semma li b' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' April 1975 saret id-divizjoni tal-wirt tal-mejjet missieru Anthony Vella u dana bejnu u bejn Grazia Vella l-mara ta' missieru mit-tieni zwieg. Illi mal-mewt ta' Grazia Vella il-wirt taghha ghadda f' idejn il-konvenuta Ludgarda Formosa u dana kif irrizulta minn sentenza ohra tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Frar 1993 fl-ismijiet Giuseppi Vella vs Ludgarda Formosa. Illi ghalkemm ghaddew diversi snin is-sentenza tal-Qorti, kemm dik tal-1975 kif ukoll dik tal-1993 baqghu ma gewx esegwiti u la Grazia Vella u lanqas Ludgarda Formosa wara mewtha ma ressqu ghal publikazzjoni u divizjoni ta' l-Att Notarili opportun ta' divizjoni kif ordnat f'

dawn iz-zewg sentenzi u dana ghalkemm kienu gew interpellati diversi drabi u ghalhekk kellha issir il-kawza odjerna.

Illi miz-zmien meta nghataw is-sentenzi nbidlu xi affarijiet in konnessjoni mal-istess divizjoni u cioe` li:

1. Rigward item numru 1 u cioe' d-dirett dominju perpetwu fuq il-garage u mezzanin Tarcisju, Bishop Scicluna Street, Qormi, il-konvenuta ghad triq tersaq ghal kuntratt ta' assenjazzjoni u divizjoni kif ordnat fis-sentenza.

2. Il-post 26, illum 32, St. Mary Street Balzan ukoll ghadu ma giex assenjat lill-attur skond is-sentenza.

3. Il-flus imsemmija a fol 39A fadallu pendenzi fuqhom.

Minbarra dan kollu u skond l-istess sentenza sostna li ghandu jiehu l-ammont ta' Lm5000 u dana rappresentanti l-incassi u l-lukri mill-business Tas-Sliema Bus Service u ezebixxa kopja tal-konteggi li kienu saru a tempo vergine mill-Bus Service.

Illi mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla fil-11 ta' April, 1975 [Imh V Scerri] fil-kawza fl-ismijiet Grazia Vella vs Giuseppe Vella irrizulta li fl-20 ta' Dicembru, 1964 miet Antonio Vella intestat. Dan Antonio Vella kien zewg Grazia Vella [it-tieni mara] u missier Giuseppe Vella. B'dik is-sentenza l-Qorti wara li adottat ir-rapport peritali u ghamlet il-kunsiderazzjonijiet opportuni llikwidat is-sehem spettanti lil Grazia Vella bil-mod

kif dettaljatament imsemmi fil-paragrafi 1 sa 4 bl-ekwiparazzjoni msemmija. Fl-istess sentenza llikwidat il-kwota ta' Giuseppe Vella bil-mod specifikat fil-paragrafi 1 sa 16 hemm imsemmija u bl-ekwiparazzjoni fuq imsemmija u bir-riservi ndikati. Ukoll innominat lin-Nutar Dr J R Darmanin biex jippublika l-att opportun u lil Dr Anthony Farrugia Sacco biex jirrapprezenta lill-kontumaci fuq l-istess kuntratt.

Illi b'sentenza ohra tas-26 ta' Frar, 1993, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Imh A Depasquale] fl-ismijiet Giuseppe Vella vs Ludgarda Formosa [il-werrieta ta' Grazia Vella] wara li kkonstatat li Grazia Vella hija mejta, u li l-kuntratt ma kienx gie pubblikat kid kellu jsir in segwitu tas-sentenza tal-11 ta' April, 1975, u li ghalhekk kien hemm bzonn li ssir dik il-kawza ai termini tal-artikolu 259 (1) tal-Kap 12 u ordnat il-pubblikazzjoni tal-kuntratt minn-Nutar Dottor Joseph Darmanin fis-26 ta' Marzu, 1993, u ikkonfermat in-nomina ta' Dr Anthony Farrugia Sacco biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Irrizulta li s-sentenzi kemm tal-1975 kif ukoll tal-1993 baqghu ma gewx esegwiti fis-sens li l-kuntratt ma giex pubblikat ghall-pubblikazzjoni u divizzjoni ordnata f'dawn iz-zewg sentenzi.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata, u fil-kontumacja tal-konvenuta tiddecidi billi

tilqa’ t-talba ta’ l-attur b’dan illi kull imghax, kirja, dividend, dhul, jew cens, kif ukoll hrug huma a favur jew a karigu tal-parti li lilha kienet giet assenjat l-oggett principali fid-divizzjoni tal-11 ta’ April, 1975. Il-kuntratt mehtieg ghandu jigi pubblikat mill-imsemmi Nutar Dr Joseph R Darmanin fl-edificju tal-Qorti fl-14 ta’ Marzu, 2002 fl-10.30 a.m. u tikkonferma n-nomina ta’ Dr Anthony Farrugia Sacco biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.